



Brussell, 17 ta' Ġunju 2025  
(OR. en)

10103/25

LIMITE

CONUN 86  
ONU 37  
COJUR 34

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: ABBOZZ ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-  
Nazzjonijiet Uniti matul it-80 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-  
Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2025 – Settembru 2026

---

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul it-80 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2025 – Settembru 2026<sup>1</sup>**

1. F'mument ta' sfidi mingħajr preċedent, l-UE toqrob lejn it-80 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali impenjata bis-sħiħ lejn sistema multilaterali, ibbażata fuq id-**dritt internazzjonali** u leali għall-finijiet u l-prinċipji tal-**Karta tan-NU**, biex tiżgura l-paċi u s-sigurtà, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli għal kulħadd.
2. L-UE tibqa' **sieħeb prevedibbli, affidabbli u kredibbli**, impenjata li ssib soluzzjonijiet globali għal sfidi komuni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Patt għall-Futur u l-annessi tiegħu, il-Patt Diġitali Globali u d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri. L-UE tinsab lesta li **tinvolvi ruħha mas-sħab** biex tmexxi 'l quddiem ir-riforma tan-NU permezz tal-"**inizzjattiva UN80**", lejn NU aktar effettiva, kosteffiċjenti u reattiva, li kapaċi tagħti riżultati b'mod effettiv fit-tliet pilastru.
3. Imħassba dwar it-theddid dejjem akbar u divers għall-**paċi u s-sigurtà internazzjonali**, b'mod partikolari l-ksur mifrux tal-Karta tan-NU, inkluż atti ta' aggressjoni u ksur tal-integrità territorjali, l-UE tibqa' impenjata li tissalvagwardja u tirrestawra paċi u stabbiltà ġusti u dejjiema globalment.
4. Filwaqt li tirrikonoxxi r-rabta intrinsika bejn il-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli, fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, l-UE tibqa' impenjata lejn l-**Aġenda 2030** u lejn il-kisba tal-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** (SDGs).
5. Il-**kriżi planetarja tripla** tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis tikkostitwixxi theddida eżistenzjali li taffettwa l-umanità kollha u s-sigurtà tad-dinja. Fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju tagħha, l-UE tappoġġa bis-sħiħ il-Ftehim ta' Pariġi u hija impenjata li taħdem mas-sħab fil-qafas tan-NU biex taċċellera tranżizzjoni ekoloġika globali, ġusta u inklużiva.

---

<sup>1</sup> F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-"UE", tal-"UE u l-Istati Membri tagħha" jew esklużivament tal-"Istati Membri".

6. Il-prijoritajiet li ġejjin ser jiggwidaw l-azzjoni tal-UE fin-NU matul is-sena li ġejja:
- I. L-appoġġ għal sistema multilaterali bbażata fuq id-dritt internazzjonali u l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem;
  - II. L-avvanz ta' riformi komprensivi biex jagħtu spinta għida lis-sistema tan-NU; u l-ħidma lejn sħubijiet effettivi;
  - III. It-tiżni tal-arkitettura tal-paċi u s-sigurtà tan-NU;
  - IV. L-avvanz tal-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-Aġenda 2030;
  - V. L-indirizzar tal-kriżi planetarja tripla.
- I. L-appoġġ għal sistema multilaterali bbażata fuq id-dritt internazzjonali u l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem**
7. Hekk kif il-kobor tal-isfidi li qed tiffaċċa s-sistema tan-NU jikber, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jappoġġaw multilateraliżmu effettiv u **l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli** bin-NU fil-qalba tiegħu u jopponu l-isforzi biex dan jiġi mminat jew imnaqqar. Aħna nfittxu li nipromwovu u niddefendu d-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tirrispetta r-regoli u l-prinċipji tal-**Karta tan-NU**, inkluż dawk tas-sovranità u l-integrità territorjali, l-indipendenza politika u l-awtodeterminazzjoni. Dawn il-prinċipji ma jistgħux jiġu nnegozjati jew kompromessi.

8. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għar-rispett, il-protezzjoni u l-applikazzjoni universali tad-**drittijiet tal-bniedem** għal kulħadd u kullimkien. Id-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, kemm jekk ikunu ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali. Barra minn hekk, il-paċi u l-prosperità kif ukoll il-kisba tal-SDGs jimxu id f'id mar-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet kollha tal-bniedem. Hekk kif infakkru s-60 anniversarju tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) fl-2026, l-UE tissottolinja ż-żamma tar-rilevanza u l-importanza ta' dawn it-trattati fundamentali fl-avanz tal-istandards globali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tibbaża l-azzjonijiet tagħha fuq il-**Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2025 dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem**.
9. L-UE ser iżżomm l-impenn qawwi tagħha għall-**aġenda fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni**, kif ukoll għad-dritt tal-persuni kollha għall-firxa sħiħa ta' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u għall-protezzjoni ta' min jinsab f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli jew emarġinati. L-UE ser tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kwistjoni trażversali ta' importanza għall-pilastri kollha tan-NU, l-avanz u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom u parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti fl-oqsma kollha, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' tmexxija. Għal dan l-għan, l-UE ser timpenja ruħha b'mod attiv u kostruttiv fl-Avveniment ta' Livell Għoli dwar Beijing+30. L-UE ser tpoġġi l-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitt fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha li tirrispetta, tiproteġi u tissodisfa t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI. L-UE ser tkompli tagħti prijorità lid-drittijiet tat-tfal u taż-żgħażaġħ, inkluż l-aċċess universali għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva. Ser tkompli taħdem biex ittejjeb il-protezzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni akbar fl-età u l-benesseri tagħhom.

10. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-**Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp** (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
11. L-UE tibqa' impenjata li ttemm l-impunità u tiżgura r-**responsabbiltà** għall-ksur kollu tad-dritt internazzjonali. L-UE ser tkompli tappoġġa l-proċess li jwassal għall-adozzjoni tal-konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-kundanna tad-delitti kontra l-umanità, kif ukoll l-isforzi lejn investigazzjonijiet indipendenti dwar il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dawk li jistgħu jammontaw għal delitti internazzjonali. L-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tagħha għas-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, partikolarment il-**Qorti Kriminali Internazzjonali** (QKI), kif ukoll l-impenn tagħha li tirrispetta l-Istatut ta' Ruma u tippreserva l-indipendenza u l-integrità tal-QKI.
12. L-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-**Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja** (QIĠ) bħala wieħed mill-pilastru ewlenin tas-sistema ġudizzjarja internazzjonali. L-UE tfakkar li l-ordnijiet u s-sentenzi tal-QIĠ huma vinkolanti għall-partijiet fit-tilwima.
13. L-UE ser tkompli tippromwovi u tappoġġa inizjattivi mmirati lejn **l-iżvilupp tad-dritt internazzjonali**, u tafferma mill-ġdid ir-rwol importanti tal-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali (ILC) f'dan ir-rigward. Huwa ta' importanza kbira li l-ILC tingħata biżżejjed żmien biex tiddelibera sabiex twettaq il-mandat tagħha.

14. L-UE tfakkar fl-impenn sod u li ilu jeżisti li tappoġġa r-rwol tan-NU fil-koordinazzjoni tar-rispons **umanitarju** internazzjonali għall-emerġenzi, stabbilit bir-Riżoluzzjoni 46/182 tal-AĠNU tal-1991. L-UE ser tkompli taħdem biex tissalvagwardja l-ispazju umanitarju biex tippermetti u tiffaċilita aċċess umanitarju rapidu u mingħajr xkiel għall-persuni fil-bżonn, filwaqt li tiggarrantixxi l-protezzjoni tal-persunal umanitarju, u tiżgura r-rispett għall-prinċipji umanitarji tal-imparzjalità, in-newtralità, l-indipendenza u l-umanità. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni speċjali lil dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli.
15. L-UE u l-Istati Membri tagħha, li kollettivament huma l-akbar kontributor globali għan-NU u l-**akbar donatur umanitarju** fl-2024, ser ikomplu juru impenn qawwi għall-istabbiltà finanzjarja tan-NU.

## **II. L-avvanz ta' riformi komprensivi biex jagħtu spinta ġdida lis-sistema tan-NU; u l-ħidma lejn sħubijiet effettivi**

16. L-UE tibqa' impenjata għall-**Patt għall-Futur**, inkluż iż-żewġ annessi tiegħu, li huwa pass kruċjali lejn it-tisħiħ mill-ġdid tan-NU, il-kisba tal-Aġenda 2030 u l-SDGs, u r-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali. L-UE tinsab lesta li tikkoopera mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tiegħu.
17. **Huma meħtieġa riformi kuraġġużi u ambizzjużi** biex jiġi żgurat li s-sistema tan-NU tkun kapaċi tindirizza l-isfidi globali u tagħti riżultati effettivi fil-livell tal-pajjiż. L-UE wriet impenn fit-tul biex taħdem flimkien mal-istati membri tan-NU, kif ukoll mas-sistema tan-NU biex tmexxi 'l quddiem il-proċess ta' riforma interna li għaddej – **l-inizjattiva UN80** tas-Segretarju Ġenerali – biex tiżgura NU effettivi, kosteffiċjenti u reattivi adatti biex jindirizzaw aħjar l-isfidi attwali u futuri.

18. L-implimentazzjoni sħiħa u rapida tar-riformi **li diġà għaddejjin u daww approvati** - inkluż tas-sistema ta' żvilupp, il-ġestjoni, u l-pilastru tal-paċi u s-sigurtà tan-NU - ser tistabbilixxi s-sistema tan-NU fit-triq it-tajba biex tikseb l-oġettivi tal-inizjattiva UN80. L-UE tilqa' r-**"Rilancé Umanitarju"** u hija impenjata li taħdem b'mod kostruttiv man-NU biex tgħin fit-trawwim ta' sistema umanitarja li ser tippermetti dejjem aktar azzjoni umanitarja mmexxija lokalment, li tkun protetta internazzjonalment f'konformità mal-prinċipji umanitarji u f'konformità mad-dritt internazzjonali. L-UE tappoġġa wkoll il-proċess ta' riforma tas-**Sistema ta' Żvilupp tan-NU** li l-inizjattiva ta' riforma tal-UN80 trid isservi biex issaħħaħha. Sistema ta' Koordinaturi Residenti (RCS) imsaħħa mill-ġdid tikkontribwixxi għal kooperazzjoni aktar koerenti u effettiva bejn l-UE u n-NU fil-livell tal-pajjiż. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi kkonsolidat il-progress, inkluż biex ikompli jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' finanzjament prevedibbli u sostenibbli għall-RCS u jiġu indirizzati l-ostakli organizzattivi għall-integrazzjoni tan-NU fil-livell tal-pajjiżi. L-iżgurar tal-**koerenza bejn l-UN80 u r-Rilancé Umanitarju u r-riforma tas-Sistema ta' Żvilupp tan-NU** huwa kritiku biex tiġi żgurata l-komunalità tal-iskop u l-impatt ikkombinat lejn twettiq effettiv "NU bħala entità waħda", speċjalment f'kontesti fraġli u ta' kunflitt. L-UE hija impenjata li jkollha rwol proattiv u kostruttiv f'dan ir-rigward.
19. F'konformità mal-impenn tagħna għall-implimentazzjoni tal-Patt għall-Futur, l-UE tappoġġa **riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU)** biex dan isir aktar effettiv, inklużiv, trasparenti, demokratiku, u responsabbli u li jirrifletti aħjar ir-realtajiet tal-lum billi jsaħħaħ il-voċi tar-reġjuni sottorappreżentati. L-UE tappoġġa l-inizjattiva Franko-Messikana li għandha l-għan li tirrestrinġi l-użu tal-*veto* f'każijiet ta' atroċitajiet tal-massa. Barra minn hekk, l-UE tibqa' impenjata għar-**riforma tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs)** u l-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs), inkluż permezz ta' aktar koordinazzjoni bejn is-sistema tan-NU u l-MDBs, kif ukoll bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Nistennew bil-ħerqa [l-eżiti ambizzjużi u orjentati lejn il-kompiti tar-]Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (FFD4).
20. L-UE ser tkompli **ssawwar u trawwem sħubijiet madwar is-sħubija usa' tan-NU**, tibni kunsens u taħdem flimkien f'ambjent li qed jinbidel b'appoġġ għal sistema multilaterali effettiva.

21. L-UE ser tkompli tappoġġa, tippromwovi u ssaħħa b'mod attiv lil **soċjetà ċivili** diversa u indipendenti, filwaqt li tippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikanti tagħha fi proċessi multilaterali, inkluż iżda mhux limitat għal fora tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli, il-medjazzjoni għall-paċi u t-teħid ta' deċiżjonijiet. L-UE tafferma mill-ġdid ir-rwol importanti taż-**żgħażagħ**, filwaqt li żżomm f'moħħha l-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri, u ttenni l-impenn tagħha għad-Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri.

### **III. It-tisħiħ tal-arkitettura tal-paċi u s-sigurtà tan-NU**

22. B'għadd dejjem akbar u intensifikazzjoni ta' kunflitti u gwerer, l-UE tiddeplora l-fatt li ċ-ċivili inkluż in-nisa, it-tfal, il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà, il-ħaddiema umanitarji, il-persunal tal-kura tas-saħħa, il-ġurnalisti kif ukoll il-persunal tan-NU u l-infrastruttura u l-assi ċivili, qed jitqiegħdu dejjem aktar fil-mira b'impunità; li n-nisa u l-bniet qed ikomplu jsofru b'mod sproporzjonat, speċjalment biż-żieda fil-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti; u li d-dritt universali għal aċċess umanitarju sikur, rapidu u mingħajr xkiel qed jiġi sfidat jew użat dejjem aktar bħala pedina fin-negozjar fil-kunflitti. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li jiġi rrispettat id-dritt umanitarju internazzjonali fil-kunflitti kollha. Fl-20 anniversarju tar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni, l-UE taqbel bis-sħiħ mal-implimentazzjoni tagħha.

23. . Infakkru fir-responsabbiltajiet tal-KSNU li għandu jibqa' fil-qalba tal-arkitettura tal-paċi u s-sigurtà. Infaħħru wkoll il-ħidma tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (AĠNU) fi kwistjonijiet pertinenti għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u nenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħu aktar il-modi li bihom l-AĠNU tista' tikkontribwixxi għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

24. **Paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna** bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali tibqa' prijorità ewlenija għall-UE. Wara aktar minn tliet snin, il-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u illegali fuq skala vasta tar-Russja kontra l-Ukrajna qed tkompli tikkawża impatt devastanti primarjament fuq il-poplu Ukren, b'effetti konsegwenzjali li jinħassu fir-reġjun usa' u madwar id-dinja. Nikkundannaw l-azzjonijiet tar-Russja biex tiddestabilizza l-arkitektura globali għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà, inkluż l-istrumenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Insejħu għal waqfien mill-ġlied sħiħ u bla kundizzjonijiet ta' mill-inqas 30 jum li jista' jservi bħala pass vitali lejn it-tnaqqis tat-tbatija ċivili u jippermetti spazju għal taħditiet sinifikattivi favur paċi ġenwina mmirati lejn it-tmiem tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u r-restawr ta' paċi komprensiva, ġusta u dejjiema. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jħarsu d-dritt internazzjonali u r-rispett sħiħ għas-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, jappoġġaw lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn, u jaħdmu biex jiżguraw l-irfiġh tar-responsabbiltà b'mod sħiħ għad-delitti.
25. Is-sitwazzjoni f'Gaza u fil-**Lvant Nofsani** laħqet livell bla preċedent ta' katastrofi li ser ikompli jirrikjedi l-attenzjoni urġenti u sostnuta tagħna. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrepetu l-pożizzjoni tagħhom kif stabbilita fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew rilevanti. L-UE tappella għal ritorn immedjat għall-waqfien mill-ġlied, li jwassal għall-ħelsien tal-ostaġġi kollha u t-tmiem permanenti tal-ostilitajiet. L-UE tteġġeg lill-partijiet kollha jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. Għandhom jittieħdu miżuri urġenti biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja devastanti, b'mod partikolari l-aċċess mingħajr xkiel u d-distribuzzjoni sostnuta tal-ġhajjnuna umanitarja fuq skala kbira lejn u madwar Gaza. L-UE tenfasizza r-rwol essenzjali tal-UNRWA, li tipprovdi appoġġ kruċjali lill-popolazzjoni ċivili kemm f'Gaza kif ukoll fir-reġjun usa'. Huwa kruċjali li titkompla l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UNRWA. L-ordnijiet tal-QIĠ għandhom jiġu implimentati bis-sħiħ. L-impenn kostruttiv ta' Iżrael man-NU, inkluż mal-aġenziji tagħha, huwa kruċjali. L-UE tilqa' r-risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, filwaqt li tfakkar fin-natura vinkolanti tagħhom u tibqa' impenjata bis-sħiħ għal paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. Ser tkompli taħdem mas-sħab reġjonali u internazzjonali għal dak l-għan, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-Konferenza Internazzjonali ta' Livell Għoli għas-Soluzzjoni Paċifika tal-Kwistjoni tal-Palestina u l-Implimentazzjoni tas-Soluzzjoni ta' Żewġ Stati, kopreseduta minn Franza u l-Arabja Sawdija.

26. L-UE ser tkompli tiffoka bl-istess mod fuq **kunflitti** u ksur u abbużi oħra tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. L-UE ser tappoġġa l-isforzi sinifikanti kollha biex tintemm il-gwerra fis-Sudan, tittaffa l-kriżi umanitarja u tkompli taħdem ma' mekkaniżmi internazzjonali ta' responsabbiltà biex l-awturi tal-atroċitajiet jitressqu quddiem il-ġustizzja. L-UE tibqa' tappoġġa lis-Somalja fil-proċess taġġha tal-bini tal-istat, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fit-taffija tal-kriżi umanitarja. Iċ-ċaħda u n-nuqqas tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari tan-nisa u l-bniet, mit-Taliban fl-Afganistan, l-eskalazzjoni tal-vjolenza u s-sitwazzjoni umanitarja li qed tiddeterjora fil-Lvant tar-RDK u l-kunflitti fit-tul fil-Jemen, il-Haiti u l-Myanmar ukoll jeħtieġu l-attenzjoni urġenti taġġha. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġa lill-poplu tar-reġjun tas-Sahel u ser tkompli taħdem mas-sħab u l-organizzazzjonijiet reġjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-konflitt, jissaħħu l-kapaċitajiet biex jiġi evitat li l-konflitti lokali jeskalaw, u għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.
27. L-UE u n-NU ser jaħdmu flimkien biex jindirizzaw l-isfidi globali għall-paċi u s-sigurtà, b'enfasi fuq il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-paċi, l-immaniġġar ta' kriżijiet, u l-appoġġ għall-multilateraliżmu f'konformità mal-Karta tan-NU, skont is-**Sħubija Strateġika UE-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà**.
28. L-UE tappoġġa l-fokus tal-Patt għall-Futur fuq il-**prevenzjoni ta' konflitti** u ż-żamma tal-paċi bħala obbligu universali, b'sett ta' għodod imsaħħaħ tan-NU. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, flimkien mal-Karta tan-NU u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR), u t-tiżiħ tal-operalizzazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, tal-iżvilupp u dak tal-konsolidazzjoni tal-paċi, jikkostitwixxu l-aħjar mod li bih jistgħu jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-konflitt u tiġi promossa kultura inklużiva ta' paċi. Bl-istess mod, jeħtieġ li nindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà u nimplimentaw bis-sħiħ l-Aġendi dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, iż-Żgħażaġġ, il-Paċi u s-Sigurtà, u t-Tfal u l-Konflitt Armat. Irridu niżguraw parteċipazzjoni sħiħa, ugwali, sinifikanti u sikura tan-nisa fil-livelli kollha fil-konsolidazzjoni tal-paċi u l-proċessi ta' paċi.

29. **Ir-Rieżami tal-2025 tal-Arkitettura tal-Konsolidazzjoni tal-Paċi (PBAR)** huwa opportunità biex l-impenji politiċi jissarrfu f'azzjoni li twessa' l-aġenda tal-konsolidazzjoni tal-paċi għas-sistema kollha tan-NU. L-UE tappoġġa l-isforzi biex jiġi żviluppat approċċ minn isfel għal fuq immexxi nazzjonalment għall-prevenzjoni tal-konflitti kif espress fl-**istrategġiji nazzjonali ta' prevenzjoni**, imsaħħaħ permezz ta' programm ta' Konsulenti tan-NU dwar il-Paċi u l-Iżvilupp ifffinanzjat b'mod suffiċjenti. Il-PBAR għandu jesplora kif jissaħħu aktar ir-rwol u l-metodi ta' ħidma tal-**Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi** li jibnu fuq il-Patt għall-Futur. Il-**Fond tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi** jeħtieġ li jkun ifffinanzjat b'mod adegwat, prevedibbli u sostenibbli mill-Istati Membri tan-NU, peress li d-dipendenza fuq il-baġit regolari tan-NU waħdu ma timliex id-distakk fil-finanzjament.
30. **L-Operazzjonijiet ta' Paċi tan-NU**, inkluż l-Operazzjonijiet taż-Żamma tal-Paċi u l-Missjonijiet Politiċi Speċjali, jibqgħu għodda multilaterali kritika għall-prevenzjoni tal-konflitti armati, is-sostenn tal-paċi, l-appoġġ għas-soluzzjoni paċifika ta' konflitti, u l-indirizzar tat-theddid għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jkunu adattati għall-iskop tagħhom u introdotti b'mandati ċari, immirati u prijoritizzati, iżda wkoll b'mandati flessibbli, riżorsi adegwati, kif ukoll strategġiji ta' ħruġ. L-UE tilqa' r-**rieżami tal-operazzjonijiet ta' paċi tan-NU** u tħeġġeġ lill-Membri kollha tan-NU biex jaħtfu din l-opportunità biex irawmu l-adattament tal-operazzjonijiet ta' paċi għall-ambjent politiku u ta' sigurtà kumpless tal-lum. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-inizjattivi tal-Azzjoni għaż-Żamma tal-Paċi (A4P) u A4P+ għandha tkompli u għandha tiġi appoġġata mill-Istati Membri tan-NU, f'konformità mad-diskussjonijiet fil-Laqgħa Ministerjali tan-NU għaż-Żamma tal-Paċi.
31. L-UE tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi tan-NU jirċievu appoġġ politiku sostnut u riżorsi adegwati, sostenibbli u prevedibbli, inkluż permezz ta' **involvement reġjonali** msaħħaħ. F'dan ir-rigward, l-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-implimentazzjoni tar-risoluzzjoni 2719 tal-KSNU, li tippermetti l-użu ta' kontribuzzjonijiet ivvalutati min-NU biex jiffinanzjaw sa 75 % tal-Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi mmexxija mill-Unjoni Afrikana, awtorizzati mill-KSNU.

32. **Is-sikurezza u s-sigurtà marittima** jibqgħu prijorità ewlenija. L-UE hija impenjata li tirrispetta l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli fuq il-baħar ibbażat fuq id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari fuq il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), is-salvagwardja tal-libertà tan-navigazzjoni u d-dritt ta' passaggġ innoċenti, u l-indirizzar tat-theddid għas-sikurezza u s-sigurtà marittima, inkluż kontra diversi infrastrutturi kritiċi f'qiegħ il-baħar, kif ukoll l-ambjent ta' taħt l-ilma u dak kostali. Flimkien mas-sħab tagħha, l-UE ser tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni, tappoġġa s-sensibilizzazzjoni dwar id-dominju marittimu u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-istati kostali - b'mod partikolari f'reġjuni strateġikament importanti. L-UE hija impenjata li tippromwovi l-kooperazzjoni, l-istabbiltà u s-sostenibbiltà globali fuq il-baħar abbażi tal-qafas legali stabbilit mill-UNCLOS.
33. Fid-dawl tat-theddid għas-sigurtà li qed jikber, l-UE tappoġġa l-kooperazzjoni internazzjonali biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-**kriminalità organizzata tranżnazzjonali** fil-forom kollha tagħha, inkluż il-kuntrabandu u t-traffikar tal-migranti, it-traffikar tad-drogi, tal-bnedmin jew tal-armi tan-nar, il-kriminalità finanzjarja, ir-reati ambjentali jew iċ-ċiberkriminalità, **it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti**, u theddid ieħor li jirriżulta minn **teknoloġiji ibridi, ċibernetiċi, ġodda u emerġenti**, inkluż dawk iffaċilitati mill-intelliġenza artifiċjali (IA) u mill-kwantum. Id-disa' Rieżami tal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu ser tippovdi opportunità biex jiġi affermat mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE għal approċċ multilaterali kontra t-terroriżmu bbażat fuq ir-rispett għad-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli l-parteċipazzjoni proattiva tagħha fil-proċessi tan-NU fejn jiġu żviluppati normi, standards u prinċipji relatati ma' kwistjonijiet taċ-ċiberspazju, diġitali u teknoloġiċi. L-UE tilqa' l-progress miksub fil-Grupp ta' Ħidma Miftuħ (OEWG) dwar is-sigurtà u l-użu tal-ICTs u tibqa' impenjata li tinvolvi ruħha fid-diskussjonijiet futuri.
34. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati li jipproteġu d-**demokrazija**, inkluż l-elezzjonijiet, mill-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin imwettqa minn atturi statali jew mhux statali. L-UE ser taħdem ukoll mas-sħab lejn strateġija globali għall-ġlieda kontra l-**manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin**. Tappoġġa l-**Prinċipji Globali tan-NU għall-Integrità tal-Informazzjoni** u ser tippromwovi b'mod attiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi fl-ispazju diġitali.

35. L-UE ser tkompli tirrispetta, tipproteġi u ssaħħaħ il-**qafas multilaterali għad-diżarm**, in-**nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi** kif ukoll il-qafas multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi u oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju, element ewlieni kemm fin-nonproliferazzjoni kif ukoll fl-użi paċifiċi ta' oġġetti kkontrollati.
36. Qabel il-Konferenza ta' Rieżami tagħha tal-2026, l-UE tibqa' impenjata għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tat-**Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni Nukleari**. Ser tkompli taħdem għad-dħul fis-seħħ tat-**Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari**, il-bidu immedjat u l-konklużjoni bikrija tan-negozjati għal **Trattat għall-Waqfien tal-Produzzjoni ta' Materjal Fissili u tappoġġa l-ħidma tal-IAEA**. L-UE ser tkompli wkoll tippromwovi u ssaħħaħ aktar l-istrumenti multilaterali kontra l-produzzjoni, il-ħżin u l-użu ta' armi kimiċi u bijoloġiċi.
37. L-UE tappoġġa **l-istrumenti ta' kontroll tal-armi konvenzjonali**, b'enfasi fuq il-prevenzjoni tad-devjazjoni ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir, u l-immaniġġar tal-munizzjon konvenzjonali, b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Siem Reap-Angkor 2025-2029 tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal, u t-tħejjijiet għall-Konferenza ta' Rieżami dwar il-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali fl-2026. L-UE ser tivvaluta l-opportunitajiet u l-isfidi relatati ma' teknoloġiji ġodda u emerġenti, fir-rigward ta' sistemi ta' armi awtonomi letali fil-qafas tal-kuntest u l-proċessi tal-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali dwar l-użu responsabbli tal-IA fil-qasam militari.
38. Għal ambjent tal-ispazju ekstratmosferiku sigur, sikur, stabbli u sostenibbli, l-UE tfakkar fl-importanza li jkun hemm rispett tad-dritt internazzjonali fl-**ispazju**. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-universalizzazzjoni tat-**Trattat dwar l-Ispazju Extratmosferiku tal-1967** u l-konformità sħiħa miegħu, u jippromwovu l-adozzjoni ta' normi ta' mgħiba responsabbli fil-fora rilevanti kollha tan-Nazzjonijiet Uniti biex tiġi evitata tellieqa tal-armi fl-ispazju ekstratmosferiku. L-UE tappoġġa t-tisħiħ tal-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet tal-Ispazju Extratmosferiku u tirrikonoxxi r-rwol tal-Kumitat dwar l-Użu Paċifiku tal-Ispazju Extratmosferiku bħala l-korp prinċipali tan-NU li jittratta l-kooperazzjoni internazzjonali fl-użi paċifiċi tal-ispazju extratmosferiku.

#### IV. L-avvanz tal-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-Aġenda 2030

39. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bis-sħiħ is-sejħa tas-Summit tal-SDGs tal-2023 għal azzjoni aċċellerata biex **jintlaħqu l-Aġenda 2030 u l-SDGs**, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Politika. F'dan ir-rigward, il-finanzjament għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa jibqgħu indispensabbli. L-UE ser tkompli tapplika approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-iżvilupp sostenibbli inkluż permezz ta' approċċi trasformattivi li jittrattaw il-kawżi fundamentali tal-inugwaljanzi u ttnni li t-twettiq sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem kollha huwa prinċipju fundamentali tal-Aġenda 2030 f'konformità mal-impenn li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Nirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-preparatezza u tinbena reżiljenza għall-kriżijiet u l-isfidi li qed ixekklu l-progress fl-SDGs, b'mod partikolari fl-aktar kuntesti fraġli.
40. Bħala l-akbar fornitur fid-dinja ta' **Għajjuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA)**, l-UE u l-Istati Membri tagħha jissottolinjaw ir-rwol ewlieni tagħha fil-kontribut għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-kapaċità katalitika tagħha li tingrana sorsi pubbliċi u privati oħra ta' finanzjament bħal riżorsi domestiċi, finanzjament imħallat u investimenti privati sostenibbli. Permezz tal-**Global Gateway**, l-UE, filwaqt li taħdem f'approċċ ta' Tim Ewropa, flimkien mal-istituzzjonijiet finanzjarji u s-settur privat, tmexxi minn quddiem investimenti trasformattivi fl-infrastruttura diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, kif ukoll fis-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka, biex tixpruna l-attività ekonomika u l-ħolqien tal-impjiegi fil-pajjiżi sħab. Il-Global Gateway itejjeb ukoll il-kundizzjonijiet għal investimenti ta' kwalità permezz ta' assistenza teknika, djalogu ta' politika, ftehimiet kummerċjali u ta' investiment, u oqfsa ta' standardizzazzjoni u regolatorji, sabiex jiġi sfruttat finanzjament addizzjonali għall-SDGs.
41. Il-kapital privat huwa indispensabbli għall-kisba tat-tranżizzjoni sostenibbli. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jeħtieġ li jkollhom rwol ewlieni fil-**mobilizzazzjoni tal-flussi finanzjarji privati**. L-UE tappoġġa l-iżvilupp ta' mudelli operattivi speċifiċi għall-kuntest u għas-settur u għodod ta' finanzjament innovattivi għall-mobilizzazzjoni tas-setturi privati għall-iżvilupp sostenibbli. L-UE tilqa' l-Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati mmexxija mill-pajjiżi bħala mod kif jiġi mobilizzat u allinjat il-finanzjament pubbliku u dak privat mal-SDGs, f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali.

42. Filwaqt li tfakkar fil-**konklużjonijiet tal-Kunsill qabel ir-raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp - Perkorsi għall-progress**: nimmassimizzaw l-impatt għall-iżvilupp sostenibbli u l-prosperità globali, l-UE tikkonferma mill-ġdid il-prinċipji u l-pożizzjonijiet tagħha stabbiliti fihom. L-UE tibqa' impenjata b'mod attiv fit-tisħiħ tal-Arkitettura Finanzjarja Internazzjonali biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi globali, u ser tkompli tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-objettivi tagħha fil-fora internazzjonali kollha.
43. L-UE tappoġġa bil-qawwa **governanza diġitali globali** b'diversi partijiet ikkonċernati u inklużiva u qed timpenja ruħha biex issawwar sistema multilaterali effettiva biex tavvanza trasformazzjoni diġitali madwar id-dinja. L-internet u t-teknoloġiji diġitali jridu jkunu ankrati f'approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, bl-għan li jitnaqqsu d-distakki diġitali kollha u li jiġi żgurat futur diġitali inklużiv, miftuħ, sikur u sigur għal kulħadd. L-UE ser tkompli taqdi rwol ewlieni fl-iżgurar ta' segwitu u implimentazzjoni adegwati tal-**Patt Diġitali Globali (GDC)**, u fl-imbuttar lura tat-tentattivi biex jiddgħajfu l-impenni meħuda fih, inkluż fi ħdan il-proċess ta' Rieżami tad-WSIS+ li għaddej bħalissa.
44. It-Tieni **Summit Dinji** dwar **Iżvilupp Soċjali (WSSD2)** jippreżenta opportunità biex jiġġedded il-kuntratt soċjali, ankrat fid-drittijiet tal-bniedem u fil-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali tal-ILO fuq ix-Xogħol. L-UE tappoġġa l-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali fil-kontribut għall-objettivi tas-Summit u fl-iżgurar ta' segwitu effettiv. L-aġenda tad-WSSD2 trid tinkludi diversi vuċijiet u partijiet ikkonċernati ewlenin, inkluż is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, speċjalment in-nisa u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.

45. L-UE tafterma mill-ġdid ir-rwol ewlieni li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom biex jadvanzaw is-saħħa globali flimkien mas-sħab abbażi tas-solidarjetà, l-umanità, l-ekwità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Ir-raba' Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Mard Mhux Komunikabbli tippreżenta opportunità biex jiżdied il-momentum biex jiġi indirizzat il-mard Mhux Komunikabbli, li għadu johlq l-oġħla piż ta' mard fl-UE u madwar id-dinja. L-adozzjoni tal-**Ftehim dwar il-Pandemiji** għandha l-għan li **tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet** u ttejjeb l-approċċ globali għall-prevenzjoni, kif ukoll it-tħejjija u r-rispons għal pandemiji futuri. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jkunu involuti fin-negozjati ulterjuri, fil-proċess ta' ratifika u fil-fażi ta' implimentazzjoni.
46. L-UE u l-Istati Membri tagħha jissottolinjaw l-impenn tagħhom li jappoġġaw il-**Pajjiżi l-Anqas Żviluppati** (LDCs) fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni ta' Doha, **l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw** (SIDS) fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Antigua u Barbuda għas-SIDS. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw ukoll **Pajjiżi Mingħajr Kosta li qed Jiżviluppaw** (LLDCs) fl-indirizzar tal-isfidi uniċi tagħhom u jistennew b'interess it-tielet Konferenza tan-NU dwar l-LLDCs.

#### **V. L-indirizzar tal-kriżi planetarja tripla**

47. Il-**kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u t-tniġġis** hija theddida globali għall-umanità, li teħtieġ rispons globali. L-UE tibqa' soda fl-impenn tagħha għall-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, inkluż il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming Montreal, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, u tappella lis-sħab kollha biex jagħmlu l-istess.

48. L-UE tafterma mill-ġdid l-importanza ta' fehim kondiviż li **t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali** huma theddida eżistenzjali, b'mod partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli, u jaggravaw it-tħassib dwar is-sigurtà billi jwasslu għal aktar instabbiltà u konflitti, kif ukoll jaffettwaw is-sigurtà tal-ikel. Id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa jgħolqu sfidi ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sigurtà kbar għall-iżvilupp sostenibbli. Huwa kruċjali li n-NU jkomplu jindirizzaw ir-rabta bejn l-ambjent u s-sigurtà, ir-rabta bejn il-klima u s-sigurtà, ir-rabta bejn l-ilma u s-sigurtà kif ukoll ir-rabta bejn l-oċeani u l-bijodiversità u l-klima permezz tal-integrazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tagħhom fil-ħidma kollha tagħhom. L-UE ser timpenja ruħha attivament f'diskussjonijiet li għandhom l-għan li jadvanzaw id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli.
49. Għaxar snin wara l-**Ftehim ta' Pariġi**, it-tranżizzjoni globali lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti tinsab għaddejja, anke jekk għad fadal ħafna xi jsir. L-UE tibqa' soda fl-impenn tagħha għall-Ftehim ta' Pariġi u tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha għall-2030 li tnaqqas l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990. L-UE ttenni t-talba għal **tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili** fis-sistemi tal-enerġija b'mod ġust, ordnat u ekwu, f'konformità mal-perkorsi għal 1.5°C, sabiex jinkiseb zero nett sal-2050 bi qbil mat-tagħrif xjentifiku. L-UE ttenni wkoll l-appell biex il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli tiġi ttriplikata globalment u biex ir-rata annwali medja dinjija tat-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġi rduppjata sal-2030 u biex jiġu aċċellerati t-teknoloġiji b'emissjonijiet zero u baxxi.
50. Huwa kruċjali li l-Partijiet kollha u speċjalment l-akbar emittenti u ekonomiji tad-dinja jippreżentaw qabel il-**COP30 f'Belém** Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) ambizzjużi, allinjati mal-eżitu tal-ewwel rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi u mal-għan ta' 1.5 C, kif sostnuta mill-aħħar xjenza, li jinkludu miri ta' tnaqqis assolut fl-ekonomija kollha li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha, u jkunu mirfuda minn politiki u miżuri konkreti. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippreżentaw il-kontribut tagħhom għall-COP30 f'waqtu.

51. Barra minn hekk, l-UE hija impenjata bis-sħiħ biex twaqqaf u treġġa' lura **t-telf tal-bijodiversità** u biex timplimenta f'waqtu l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal f'kooperazzjoni mas-sħab, kif ukoll biex iżżid il-finanzjament tal-bijodiversità. L-UE tirrakkomanda governanza u djalogu internazzjonali aktar b'saħħithom dwar l-oċeani, [tilqa' l-eżiti tal-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani tal-2025] u timpenja ruħha li timplimenta b'mod urġenti l-miri relatati mal-oċeani tal-Aġenda 2030. L-UE tappella għal ratifika rapida u implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (BBNJ), u tappella lill-pajjiżi biex jingħaqdu mal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja dwar il-BBNJ.
52. Is-sistema globali tal-ikel qed tiffaċċa sfidi sinifikanti, inkluż il-kunflitti, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u d-degradazzjoni ambjentali. L-UE hija impenjata li tappoġġa **s-sigurtà globali tal-ikel u n-nutrizzjoni** billi tippromwovi ikel sostenibbli, nutrittiv u affordabbli għall-popolazzjoni globali li qed tikber. L-UE tirrakkomanda strateġija multisettorjali u ma' diversi partijiet ikkonċernati bbażata fuq kooperazzjoni b'saħħitha mas-sħab multilaterali, filwaqt li timpenja ruħha għall-approċċ tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, tal-iżvilupp u dak tal-paċi fil-prevenzjoni u r-rispons. L-UE tiżgura l-koerenza politika bejn l-istrateġiji interni u esterni tagħha għas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, filwaqt li tallinja l-azzjonijiet tagħha fl-Ewropa mal-impenji globali għal sistemi tal-ikel sostenibbli u l-qerda tal-ġuħ u l-malnutrizzjoni.
53. Huwa wkoll ta' importanza kbira li jiġu ottimizzati s-sinerġiji li jibnu fuq l-Approċċ Komuni tan-NU għat-**Tniġġis**, li jirrikonoxxi l-urġenza ta' azzjoni globali koordinata u jimpenja ruħu li jintegra l-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-istrateġiji u l-programmi ta' ħidma tal-entitajiet tan-NU. L-UE tappoġġa b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi u l-ħidma fuq il-finalizzazzjoni tan-negozjati u l-istabbiliment tal-Bord tal-Politika tax-Xjenza dwar is-Sustanzi Kimiċi, l-Iskart u biex jiġi miġġieled it-Tniġġis u l-konklużjoni tan-negozjati għal Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti biex jintemm it-tniġġis tal-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar. Barra minn hekk, għall-prevenzjoni u l-kontroll effettiv tat-tniġġis, huwa essenzjali li titqajjem kuxjenza dwar is-sustanzi kimiċi u l-immaniġġar tal-iskart fis-setturi kollha, u li jinbeda djalogu politiku ta' livell għoli li jmur lil hinn mill-konfini istituzzjonali lil hinn minn dawk indirizzati s'issa.

54. Ir-reżiljenza **idrika** u ċiklu tal-ilma globali stabbli huma kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli, għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u għall-paċi u s-sigurtà. L-UE tibqa' impenjata li tindirizza ż-żieda fl-iskarsezza tal-ilma u fl-għargħar madwar id-dinja, biex tiżgura l-aċċess għall-ilma tax-xorb u l-faċilitajiet sanitarji għal kulħadd u ser tkompli tappoġġa l-approċċ mis-sors għall-baħar kif ukoll tiżgura li l-ilma jiġi indirizzat b'mod adegwat fi proċessi multilaterali ewlenin u ftehimiet rilevanti. L-UE tippromwovi segwitu ambizzjuż tal-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma u Konferenzi tan-NU dwar l-Ilma orjentati lejn l-azzjoni, inklużivi u transsettorjali li għandhom jiġu organizzati fl-2026 u l-2028 u tappella għal proċess intergovernattiv regolari dwar l-ilma. L-UE tinkoraġġixxi wkoll l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Mifruxa mas-Sistema Kollha tan-NU dwar l-Ilma u l-Faċilitajiet Sanitarji u t-tkomplija tal-globalizzazzjoni tal-Konvenzjoni fuq il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadajjar Internazzjonali li jistgħu jwasslu għall-istabbiltà, il-paċi u s-sigurtà globali.

---